

## III

(Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE)

## ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

## POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2008/873/PESK

tat-18 ta' Novembru 2008

## li ġġedded il-miżuri restrittivi imposti kontra l-Kosta tal-Avorju

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

- (1) Fit-13 ta' Diċembru 2004, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2004/852/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Kosta tal-Avorju <sup>(1)</sup> sabiex jiġu implimentati l-miżuri imposti kontra l-Kosta tal-Avorju mir-Riżoluzzjoni 1572 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.
- (2) Fit-23 ta' Jannar 2006, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2006/30/PESK <sup>(2)</sup> li ġġeddet il-miżuri restrittivi imposti kontra l-Kosta tal-Avorju mill-Pożizzjoni Komuni 2004/852/PESK għal perjodu ulterjuri ta' tnax-il xahar, u li tissupplimentahom bil-miżuri restrittivi imposti mill-punt 6 tar-Riżoluzzjoni 1643 (2005) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. Fit-12 ta' Frar 2007, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2007/92/PESK <sup>(3)</sup> li ġġedded dawn il-miżuri restrittivi sal-31 ta' Ottubru 2007.
- (3) Fit-22 ta' Novembru 2007, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2007/761/PESK <sup>(4)</sup> li ġġedded il-miżuri restrittivi imposti kontra l-Kosta tal-Avorju sal-31 ta' Ottubru 2008.
- (4) Wara revizzjoni tal-miżuri imposti mir-Riżoluzzjonijiet 1572 (2004) u 1643 (2005), il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta, fid-29 ta' Ottubru 2008, r-Riżoluzzjoni 1842 (2008) li ġġedded il-miżuri restrittivi imposti kontra l-Kosta tal-Avorju sal-31 ta' Ottubru 2009.

- (5) Il-miżuri imposti mill-Pożizzjoni Komuni 2004/852/PESK u mill-Pożizzjoni Komuni 2006/30/PESK għandhom għalhekk jiġu mġedda b'effett mill-1 ta' Novembru 2008, sabiex jagħtu effett lir-Riżoluzzjoni 1842 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti,

ADOTTA DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

## Artikolu 1

L-applikazzjoni tal-miżuri imposti mill-Pożizzjoni Komuni 2004/852/PESK u mill-Pożizzjoni Komuni 2006/30/PESK għandha għalhekk tiġi mġedda b'effett mill-1 ta' Novembru 2008.

## Artikolu 2

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha. Hija għandha tiġi emendata jew imħassra skont il-każ, fid-dawl tad-determinazzjonijiet magħmula mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

## Artikolu 3

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi pubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmula fi Brussell, 18 ta' Novembru 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BARNIER

<sup>(1)</sup> ĠU L 368, 15.12.2004, p. 50.

<sup>(2)</sup> ĠU L 19, 24.1.2006, p. 36.

<sup>(3)</sup> ĠU L 41, 13.2.2007, p. 16.

<sup>(4)</sup> ĠU L 305, 23.11.2007, p. 61.